MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 233/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Riad Mabruk El Masri Hagi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Riad Mabruk El Masri Hagi talli :

1 Matul l-ahhar jiem f' dawn il-Gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih;
2 U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
3 U aktar talli matul l-ahhar xhur, minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta

minghajr permess minghand l-ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni;
4 U aktar talli ikkommetta l-istess reati fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija ta’ xahrejn sospizi ghal tmintax il-xahar kif moghtija lilu b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat C Scerri Herrera LL.D) datata 27 t’Awissu 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tiddikjara lill-imsemmi Riad Mabruk El Masri Hagi bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra tieghu skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Riad Mabruk El Masri Hagi hati biss fuq it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal disa’ xhur prigunerija u wkoll li s-sentenza sospiza imsemmija tibda ssehh minnufih u li jitnehha minn Malta wara li jiskonta s-sentenza, kif ukoll li jhallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Riad Mabruk El Masri Hagi, minnu prezentat fil-24 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat l-appellant mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tilliberah ukoll mill-akkuzi l-ohra imputati lilu u tnehhi l-ordni imposta fuqu li huwa ghandu jhallas ta' l-espert a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fin-nuqqas tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberazzjoni tieghu fl-ewwel imputazzjoni u tapplika l-estenzjoni tas-sentenza sospiza kif moghtija mill-ewwel Qorti u ma tordnax li l-appellant ghandu jitnehha minn Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:-

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri kontra l-appellant kienu brevement is-segwenti: Fis-27 ta' Marzu 2002 il-pulizija tal-Qawra rcevew rapport fis-sens li kien hemm xi argument fi Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar. Huma accedew fil-post, u specifikatament f' Piccadilly Flats fl-imsemmija triq, u fix-shaft ta' dawn l-appartamenti sabu lill-appellant li, meta ntalab il-passaport, il-pulizija sabu li l-visa kienet skaduta. P.S. 839 Stephen Micallef xehed li lill-appellant inzerta kien jafu peress li fis-26 ta' Awissu 2001 l-istess appellant kien gie arrestat minn San Pawl il-Bahar u kien tressaq il-Qorti sabiex jitkecca minn Malta. L-Ispettur Denise Mula xehdet li meta f'Marzu 2002 l-appellant ittiehed is-CID Yard, hija gharfitu peress li nzertat id-*duty officer* meta kien qieghed il-*lock-up* biex jitnehha minn Malta f'Awissu 2001. Pero` meta ezaminat il-passaport indunat li l-isem ma kienx ghadu "Hagi" izda "Haghin". B'hekk ittiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kap 61, il-Kap 9 u l-Kap 217.

Bis-sentenza taghha tat-12 ta' Novembru 2003 l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant (allura imputat) hati biss ta' l-ewwel imputazzjoni.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant fil-fatt jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq it-tieni imputazzjoni u jsostni li ma hemmx prova fil-grad li l-prosekuzzjoni trid tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-appellant xjentement kien qatt jaf li l-passaport huwa wiehed li sar fuqu falsifikazzjoni. Ghalhekk jinsisti li ma seta' qatt jinstab hati a tenur ta' l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali. It-tielet aggravju hu intrinsikament marbut ma' dan l-ewwel aggravju peress li hemm qieghed isostni li galadarba ma nstabx hati mill-ewwel Qorti ta' l-ewwel imputazzjoni u, skond l-ewwel aggravju tieghu, m'ghandux jinstab hati ukoll tat-tieni imputazzjoni, konsegwentement ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' l-espert li gie nominat f'dawn il-proceduri.

L-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment:

**"Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur …."** (sottolinear tal-Qorti).

Biex tista' tinstab htija ghar-reat addebitat lill-appellant, iridu jissussistu zewg elementi: l-element materjali, li jikkonsisti semplicement fl-uzu ta' dokument falsifikat, u l-element formali, li tali uzu jkun sar xjentement, cioe` li l-agent ikun jaf, jew li messu ragonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li d-dokument li kien qieghed juza kien falsifikat. L-uzu fil-ligi tal-kelma "xjentement" ifisser li l-prosekuzzjoni trid tipprova d-*dolus* b'evidenza addizzjonali soddisfacenti u mhux biss billi tipprova l-element materjali.

Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubju li l-appellant ghamel uzu minn passaport Libjan numru 437627, cioe` l-passaport li huwa ta f'idejn il-pulizija meta gie arrestat fis-27 ta' Marzu 2002. Li saret falsifikazzjoni fl-istess passaport lanqas ma jidher li hemm dubju. L-espert kalligrafu Joseph Gaffiero jghid fir-rapport tieghu dwar il-kitba li tinsab f'pagna 48 tal-passaport:

"fl-ewwel linja fejn hemm ipprintjat bl-ahdar PSP No. jidher in-numru 487627/2001 H. Dan in-numru ma jaqbilx mal-hamsin numru l-ohra li kollha jaqraw 437627. Id-diskrepanza hija ovvja li qieghda fit-tieni figura. Meta ezaminajt dan in-numru taht lenti qawwija, sibt li originarjament dan in-numru kien 3 u mhux 8. Nghid b'certezza li dan in-numru li kien 3, gie mba[gh]bas u mdawwar biex jinqara bhala 8.

Suspett iehor li ghaddieli minn rasi huwa li min biddel it-3 f'8, seta' kellu l-intenzjoni li jbiddel il-kunjom HAGI u jzidlu mieghu biex jinqara HAGHIN. Din iz-zieda turi l-ghafsa ta' l-ahhar zewg ittri, jigifieri 'IN' aktar iebsa mill-kumplament, tidher ukoll li min kitibhom rega' ghadda fuqhom. It-tifsila tal-'N' mhijiex bhal dik ta' l-'N' li tidher fil-kelma 'EMPLOYMENT'. Din ta' l-ahhar maghmula f'kolp wiehed,

mentri dik ta' fuqha hija maghmula fi tliet daqqiet u aktar bil-mod mill-ohra li tidher tahtha.

L-inka tidher li taqbel bhala kulur u ghalhekk ma nistax inkun cert minn dan is-suspett. Jidher ukoll li l-kittieb jaghmel 'full stop' wara kull kelma, hlief wara HAGHIN. Din ukoll tkompli ssahhah is-suspett tieghi izda nerga' nghid li ma nhossnix cert."

Dwar il-kumment ta' l-espert kalligrafu li l-isem ma jaqbilx fil-kliem billi hemm indikat fuq il-passaport il-kliem EL MASRI flok EL MANI, haga din li giet ripetuta kemm fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti kif ukoll fir-rikors ta' appell, irid jinghad li l-kliem EL MANI jidhru li huma biss zball tipografiku ta' min ittraskriva l-verbali tas-seduti quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk meta saret komunika lill-espert kalligrafu tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fil-5 ta' April 2002 fejn gie nominat l-istess espert, wisq probabli huwa rcieva kopja tal-verbal kollu li hemm a fol. 11 tal-process bil-kliem erroneji EL MANI. Dan naturalment wassal lill-espert biex jahseb li l-imputat jismu EL MANI u mhux EL MASRI, mentri l-atti l-ohra kollha jindikaw li huwa EL MASRI. Ghalhekk il-kumment ovvjament zbaljat ta' l-espert kalligrafu f'dar-rigward irid jigi skartat.

B'danakollu minn dak kollu li qal l-espert kalligrafu fil-kumplament, u wara li l-Qorti ezaminat ukoll il-passaport, hija soddisfatta li fuq il-passaport ta' l-appellant sar tibdil li jammonta ghal falsifikazzjoni.

Minn ezami tal-provi l-Qorti hi ukoll soddisfatta li l-appellant kien jaf, jew ragonevolment fic-cirkostanzi messu kien jaf, li saret il-falsifikazzjoni msemmija. Hawn si tratta ta' passaport, dokument li huwa mehtieg biex persuna tivvjagga minn pajjiz ghall-iehor, dokument li probabilment kien kostantement taht il-kontroll ta' l-appellant li ghalhekk seta' facilment jinduna b'xi "zball" specjalment fil-konnotati tieghu. Barra minn hekk jirrizulta mill-provi li l-appellant kien diga` gie Malta f'okkazjoni precedenti u kienet inharget ordni ta' tnehhija kontra tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Awissu 2001 (Dok. AL1 a fol. 33 *et seq.*). Nonostante dan huwa

rega' sab ruhu Malta u meta gie arrestat f'Marzu 2002, lill-pulizija qallhom, kif xehdet l-Ispettur Denise Mula fil-11 ta' April 2002 (ara fol. 22), "Hawn hekk gejt, u jekk tkeccuni nerga' nigi darb'ohra". Kliem bhal dan jista' biss jiftiehem li l-appellant lest jaghmel kollox biex jibqa' jigi ossia jibqa' f'pajjizna!

Dawn il-provi fil-fehma tal-Qorti jippruvaw minghajr dubju ragonevoli l-htija ta' l-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement kemm l-ewwel aggravju kif ukoll it-tielet aggravju huma michuda.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Hawn l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti setghet fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz, minflok tinfliggi piena u tordna l-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta' prigunerija nflitta bis-sentenza citata tas-27 ta' Awissu 2001, testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza. L-unika cirkostanza li l-appellant qieghed javvanza ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huwa l-fatt li ghandu tifel minn relazzjoni ma' mara Maltija. Dan certament juri li ghandu certa legami ma' pajjizna izda ma jtieh l-ebda dritt biex jinjora u jiddizrispetta l-ligijiet ta' pajjizna. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex lesta taghti aditu ghall-pretensjoni tieghu.

Pero` din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax li meta saru r-reati addebitati lill-appellant, kien ghadu fis-sehh is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28E tal-Kodici Kriminali li bis-sahha tieghu l-ewwel Qorti kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-artiklu 17 tal-Kodici Kriminali u taghti zmien wiehed ta' prigunerja ghar-reat originali u ghar-reati l-ohra li dwarhom sabet l-appellant hati[1]. Dan is-subartikolu kien jirrendi l-piena anqas gravi u ghalhekk kellu jigi applikat in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali.

---

[1] Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28E tal-Kodici Kriminali thassar bl-Att III tal-2002. Dan kien jipprovdi: *Meta l-qorti li tkun qeghda tittratta mal-hati dwar sentenza sospiza li tkun ghada ma bdietx issehh, taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28B, u l-qorti tkun il-Qorti Kriminali jew l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ghal sentenza sospiza, dik il-qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 17 u taghti zmien wiehed ta' prigunerija skond dawk id-disposizzjonjiet ghar-reat originali u ghar-reat l-iehor".*

Rigward it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet l-ewwel Qorti nfliggiet piena ta' disa' xhur prigunerija. Ma jirrizultax mis-sentenza appellata riferenza ghall-paragrafu (b) ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali izda l-piena tidher li hija sew entru l-parametri tal-pieni ghal dawk l-imputazzjonijiet. Difatti l-piena ghall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali hija ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena filwaqt li l-piena ghal ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14 tal-Kap 217 (l-Att dwar l-Immigrazzjoni) kienet ta' multa ta' mhux izjed minn hames mitt lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Il-minimu ta' 7 xhur rigward it-tieni imputazzjoni u terz tal-massimu ta' sitt xhur ghat-tielet imputazzjoni jekwivalu ghal disa' xhur. In vista ta' l-applikabilita` tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali f'dan il-kaz anke ghas-sentenza sospiza ta' xahrejn prigunerija moghtija bis-sentenza msemmija tas-27 ta' Awissu 2001, ghandu jinghata zmien wiehed ta' prigunerija ghar-reat originali u ghar-reati l-ohra u dan dejjem a tenur ta' l-imsemmi paragrafu (b) ta' l-artikolu 17. Ghalhekk mal-perijodu ta' disa' xhur prigunerija din il-Qorti se zzid nofs il-perijodu ta' xahrejn inflitt bl-imsemmija sentenza, sabiex iz-zmien kollu ta' prigunerija ghat-tieni u ghat-tielet imputazzjonjiet u ghall-fatt li dawk ir-reati gew kommessi waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza huwa ta' ghaxar xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi:

Din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Riad Mabruk El Masri Hagi** billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant (allura imputat) mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, kif ukoll in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' l-appellant fis-27 ta' Awissu 2001, izda thassarha fejn ikkundannat lill-appellant ghal disa' xhur prigunerija kif ukoll ghall-perijodu (ta' xahrejn prigunerija) tas-sentenza

sospiza u minflok tikkundannah ghal zmien wiehed ta' ghaxar xhur prigunerija ghall-imputazzjonijiet kollha li taghhom instab hati bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz. Tikkonferma wkoll l-istess sentenza in kwantu ordnat li wara li l-appellant jiskonta s-sentenza tieghu, huwa jitnehha minn Malta ai termini tad-disposizzjonijiet tal-kap 217. Tikkonfermaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-espert kalligrafu skond l-artikolu 533 tal-Kap 9, b'dan li t-terminu ta' xahar jibda jiddekorri millum. Tordna li a tenur tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali r-Registratur jaghmel in-notamenti mehtiega fir-registru specjali msemmi fis-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A ta' l-istess Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------